Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 150/2018**
il-Lussemburgu, 8 ta' Ottubru 2018

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

# Tiġdid parzjali u dħul fil-karigi ta' sitt Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja

Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2018, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddew, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2018 sas-6 ta' Ottubru 2024, il-mandat ta' tmien Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri ta' Alexander Arabadjiev, Jean-Claude Bonichot, Thomas von Danwitz, Carl Gustav Fernlund, Egils Levits, Constantinos Lycourgos, Jiří Malenovský u Alexandra Prechal.

Permezz ta' deċiżjonijiet tat-28 ta' Frar 2018, tat-13 ta' Ġunju 2018, tal-25 ta' Lulju 2018 u tal-5 ta' Settembru 2018, ġew maħtura bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2018 sas-6 ta' Ottubru 2024, Lucia Serena Rossi, li qiegħda tissostitwixxi lil Antonio Tizzano, Irmantas Jarukaitis, li qiegħed jissostitwixxi lil Egidijus Jarašiūnas, Peter George Xuereb, li qiegħed jissostitwixxi lil Anthony Borg Barthet, u Nuno José Cardoso da Silva Piçarra, li qiegħed jissostitwixxi lil José Luís da Cruz Vilaça.

Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2018, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġeddew, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2018 sas-6 ta' Ottubru 2024, il-mandat ta' żewġ Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri ta' Yves Bot u ta' Maciej Szpunar.

Permezz ta' deċiżjonijiet tat-28 ta' Frar 2018 u tal-5 ta' Settembru 2018, ġew maħtura bħala Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2018 sas-6 ta' Ottubru 2024, Giovanni Pitruzzella, li qiegħed jissostitwixxi lil Paolo Mengozzi, u Gerard Hogan.

Fl-okkażjoni, minn naħa, tat-tmiem mill-kariga u tat-tluq ta' Antonio Tizzano, José Luis da Cruz Vilaça, Melchior Wathelet, Anthony Borg Barthet, Paolo Mengozzi u Egidijus Jarašiūnas, u, min-naħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-Istituzzjoni, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessa b'mod dirett mill-17:30 fuq is-sit segwenti: http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj

Curricula vitae tal-Membri l-ġodda

**Peter George Xuereb**

imwieled fl-1954; diploma fid-dritt mill-Università ta' Malta (1977); Master of Laws mill-Università ta' Londra (1979); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Cambridge (1982); lecturer f'Ealing College of Higher Education (1982-1984); lecturer fl-Università ta' Exeter (1984-1990); lecturer prinċipali fl-Università ta' Londra, Queen Mary and Westfield College (1990-1993); konsulent legali fis-settur privat, u mbagħad mal-Parlament ta' Malta (1993-2016); professur u responsabbli għad-Dipartiment tad-dritt Ewropew u tad-dritt komparat fl-Università ta' Malta (1993-2016); direttur taċ-Ċentru ta' dokumentazzjoni ta' riċerka tal-Università ta' Malta (1993-2016); president tal-Assoċjazzjoni Maltija tad-dritt Ewropew; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali (2016-2018); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2018.

**Nuno José Cardoso da Silva Piçarra**

imwieled fl-1957; diploma fid-dritt mill-Università ta' Lisbona (1980); master fid-dritt mill-Università ta' Lisbona (1986); dottorat fid-dritt mill-Università Nova ta' Lisbona (2003); assistent fid-dritt fl-Università ta' Lisbona (1981-1986); ġurista lingwista (1986-1987) u ġurista reviżur (1987-1990) fil-Qorti tal-Ġustizzja; référendaire fil-Qorti tal-Prim'Istanza (1990-1996); professur mistieden tal-Istitut ta' studji Ewropej tal-Università ta' Saarland, il-Ġermanja (1987-1996); koordinatur nazzjonali għall-kawżi dwar il-moviment liberu tal-persuni fl-ispazju Ewropew, fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Portugall (1996-1999); membru tal-Kumitat K4 tal-Kunsill u tal-Grupp ċentrali tal-istruttura ta' kooperazzjoni permanenti tal-ftehimiet ta' Schengen (1996-1999); assistent u tħejjija għad-dottorat fid-dritt fl-Università Nova ta' Lisbona (1999-2003); professur awżiljarju tad-dritt fl-Università Nova ta' Lisbona (2003-2008); professur assoċjat tad-dritt fl-Università Nova ta' Lisbona (2008-2018); membru Portugiż tan-netwerk FreSsco ta' esperti indipendenti fl-oqsma tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea (2004-2017) u tan-netwerk akkademiku Odysseus ta' studji legali dwar l-immigrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa (2004-2018); membru tal-bord ta' tmexxija tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2015-2018); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2018.

**Lucia Serena Rossi**

imwielda fl-1958; diploma fid-dritt mill-Università ta' Bologna (1982); professur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università ta' Bologna; direttriċi taċ-Ċentru internazzjonali ta' riċerka dwar id-dritt Ewropew tal-Università ta' Bologna; membru tal-avukatura ta' Bologna; professur aċċoċjat tad-dritt internazzjonali fl-Università ta' Urbino (1997-2000); viċi president tas-Soċjetà Taljana tad-dritt internazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni Ewropea (2009-2010); membru tal-kumitat ta' tmexxija konġunt tal-Iskola Ċiniża u Ewropea tad-dritt fl-Università Ċiniża tax-xjenzi politiċi u tad-dritt (2011-2013); rappreżentanta tal-Gvern Taljan fi ħdan il-kumitat ta' tmexxija tal-Akkademja tad-Dritt Ewropew (2015-2018); awtriċi ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2018.

**Gerard Hogan**

imwieled fl-1958; diploma fid-dritt mill-University College, Dublin (LL.M. fl-1981); dottorat fid-dritt mill-University College, Dublin (LL.D. fl-1997); diploma fid-dritt mill-Università ta' Pennsylvania (LL.M. fl-1982); barrister-at-law fl-Honorable Society of King's Inns ta' Dublin (1984); dottorat fid-dritt mit-Trinity College, Dublin (Ph.D. fl-2001); senior lecturer fid-dritt mat-Trinity College, Dublin (1982-2007); junior counsel mal-avukatura tal-Irlanda (1987-1997); senior counsel mal-avukatura tal-Irlanda (1997-2010); Imħallef fil-High Court tal-Irlanda (2010-2014); Imħallef fil-Court of Appeal tal-Irlanda (2014-2018); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2018.

**Giovanni Pitruzzella**

imwieled fl-1959; diploma fid-dritt mill-Università ta' Palermo (1982); professur tad-dritt kostituzzjonali fl-Università ta' Palermo; professur tad-dritt kostituzzjonali u tal-kompetizzjoni fl-Università LUISS Guido Carli ta' Ruma; konsulent legali tal-Gvern Taljan (1993-1996); professur tad-dritt pubbliku fl-Università ta' Cagliari (1986-1997); president tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-istatus speċjali tar-Reġjun ta' Sicilia (1998-2002); konsulent legali tal-Ministeru għas-Saħħa Taljan (2008-2011); membru u mbagħad president tal-Kummissjoni għall-garanzija tad-dritt ta' azzjoni sindakali fis-servizzi pubbliċi essenzjali (2006-2011); president tal-Awtorità

Taljana għall-Garanzija tal-Kompetizzjoni u tas-Suq (2011-2018); innominat mill-President tar-Repubblika, f'April 2013, bħala wieħed mill-għaxar esperti tal-Kummissjoni għar-riformi istituzzjonali, ekonomiċi u soċjali u, f'Ġunju tal-istess sena, maħtur mill-Prim Ministru bħala membru tal-grupp ta' esperti mistieden sabiex jippreżenta abbozz ta' riformi kostituzzjonali; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2018.

**Irmantas Jarukaitis**

imwieled fl-1973; diploma fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (1992-1997); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (2008); assistent, professur assoċjat fil-fakultà tad-dritt tal-Università ta' Vilnius (1999-2018); kap ta' unità (2002-2003), assistent direttur ġenerali tad-dipartiment tad-dritt Ewropew tal-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Litwanja (2004-2010); Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja (2010-2018); viċi president tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja (2012-2017); aġixxa bħala l-president tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwajna (2015-2017); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt Ewropew u kostituzzjonali; wieħed mill-fundaturi u membru tal-Assoċjazzjoni Litwana tad-dritt Ewropew; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2018.

---

*Kuntatt għall-istampa: ☎ (+352) 4303 3355*